*Leħen is-Soċjetà Mużikali*

# San Lawrenz

*Belt Vittoriosa A.D. 1883*



**Ħarġa Nru 101**

**Settembru - Ottubru 2017**

## Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com



## Olde City Pub

*is the Best*

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

## Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

*Manufacturers of all types of Wooden Mouldings*

***Showrooms at the Factory and***
***80, St. Joseph High Road, Hamrun***

**SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS**

## *Kejkijiet għall-Parties tat-tfal*

*Agħżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,*



*Princess, Superman, Hello Kitty, etc.*

*Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew*

*e-mail: steffibugeja@yahoo.com*



# Il-Kelma tal-President

*Lawrence V. Farrugia*

Festa mill-isbaħ mimlija b'dak kollhu li tagħmel il-Festa Maltija. Armar artistiku bi skultura tal-injam u nduratura tad-deheb, pavaljuni u bandalori ddisinjati minn artisti magħrufa, ħafna nar u ta' kwalita` mill-isbaħ, marċi brijużi b'entużjażmu kbir bil-folol tan-nies, kunċert tas-7 t' Awwissu mill-aqwa fuq wieħed mill-isbaħ planċiera li hawn f'Malta u fuq kollox temp ħanin fejn stajna ngawdu lil Beltna mlibbsa għall-Festa tal-Patrun tal-Belt Vittoriosa San Lawrenz.

Wara ħamsa u erbgħin sena norqod il-Fgura u ngħix il-Birgu, issa erġajt qiegħed noqgħod f'belti u għalhekk stajt ingawdi aktar il-festa bħal ma' huwa d-daqq tal-qniepen l-aktar it-tokki sbieħ tal-qanpiena l-Kbira kmieni fil-Jum tal-10 ta' Awwissu.

Iċ-ċelebrazzjonijiet esterni marru mingħajr ebda problemi u kien hemm kordinament mill-aqwa bejn l-entitajiet responsabbli mill-organizazzjoni tal-Festa. Ta' min ifaħħar lill-partitarji tagħna għall-mod kif ġabu rwieħhom waqt il-marċi brijużi.

Rigward is-sehem tal-Banda fil-ġranet tal-Festa, din kienet apprezzata minn kulħadd u ngħid grazzi lill-Kummissjoni li tieħu ħsieb torganizza l-Banda b'impenn kbir u ħafna xogħol li ma jidhirx. Il-ħruġ tal-istatwa fil-31 ta' Lulju sar appuntament annwali għall-Vittoriosani u d-devoti ta' San Lawrenz u tmexxiet tajjeb ħafna bħal ma sar fil-jiem tan-Novena u l-ġranet tal-Festa. Grazzi lill-Każin tal-Banda San Lawrenz li ħadem waħdu biex il-ħruġ tal-vara seta' jsir kif qiegħed isir. Apprezzajt ħafna l-mod kif l-Arċipriet tagħna mexxa l-Funzjonijiet fil-Knisja bl-akbar devozzjoni imma ma nistgħux ngħidu l-istess għal min ikun fuq l-orgni. Id-daqq ta' noti waqt il-priedki tan-Novena m'għandhomx isiru kif ukoll il-kant meta ssir l-Espożizzjoni qabel il-Barka Sagramentali għandu jibda hekk kif iċ-ċelebrant jibda jinċensa lis-Sagrament.

Dwar il-mużika tal-Festa, meta spiċċa Lorenzo Galea u daħal Diacono, lejliet San Lawrenz kien jindaqq l-Innu u l-Antifona ta' Vassallo imma issa qed jindaqq l-Innu ta' Vassallo u l-Antifona ta' Diacono. Nissuġġerixxi li lejliet il-Festa terġa' tibda tindaqq l-Antifona mill-isbaħ ta' Vassallo. Jekk din il-mużika ma tinstabx, fl-arkivju mużikali li l-Każin wiret mill-Familja Galea hemm kopja tagħha.

Biex jittella' Kunċert ta' klassi bħal ma kellna fis-7 ta' Awwissu, li kull min kien preżenti kellu kliem ta' tifħir u apprezzament, kemm għat-tema magħżula, għall-organizazzjoni, għal-eżekuzzjoni u anke għad-direzzjoni ta' dan il-kunċert, hemm bżonn ħidma kbira ta' ppjanar u preparamenti.



Wara li żarmajna u erfajna kollox bdejna nipprogrammaw u naħdmu għall-festa li ġejja u għax-xogħol u attivitajiet li għandna, l-aktar biċ-ċelebrazzjonijiet li ser ifakkru l-135 sena mit-twaqqif tal-banda.

Fil-preżent għandna kumitat entużjażmat u ngħid il-verita kultant jkunu għoddom ser jaqtgħuli nifsi.

Minbarra ż-żewġ servizzi tal-Banda li fadal nagħmlu fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, biex immedjatament wara nħallsu l-Bandisti barranin, qegħdin nagħmlu wkoll il-preparamenti għall-Birgu Fest fejn il-membri tal-Kumitat u Helpers b'sagrifiċċju personali jarmaw Bar quddiem il-Każin biex jinġabru fondi.

Ftit ġimgħat wara se jsir programm vokali u mużikali biex jitfakkar it-30 sena anniversarju tal-President. Dan hu l-kunċert li kellu jsir f'Ġunju u ġie pospost. Dan se jsir fis-Sala Parrokkjali fit-28 ta' Ottubru u nappella lill-membri tagħna biex jattendu għal dan il-kunċert ta' klassi kif dejjem għamlet il-banda tagħna.

Diġa` tħejja programm ta' ċelebrazzjonijiet biex infakkru il-135 mit-twaqqif tal-banda li nifhem li fil-ħarġa li jmiss ikun ippubblikat. Ma' dan hemm programm ta' proġetti u xogħol fil-Każin fosthom is-sala tal-arkivju u l-intrata prinċipali. Minbarra l-impenn tal-Membri tal-Kumitat biex jitwettaq dan ix-xogħol, hemm bżonn il-flus li jiġu mill-attivitajiet li jiġu organizzati, mill-benefatturi u sponsors u mid-donazzjonijiet tagħkom. Hawn irrid ngħid grazzi lil dawk kollha li taw donazzjoni fil-ġabra (Arbular) li saret qabel il-festa fejn inġabret is-somma sabiħa ta' €4612.

Fl-aħħar irrid ngħid grazzi lil shabi membri tal-Kumitat u helpers li kienu magħna biex wettaqna ix-xogħol tal-festa l-aktar fl-armar u ż-żarmar tal-planċier fil-lejl ta' Jum il-Festa. Grazzi u komplu imtlew b'entużjażmu għall-ġejjieni biex din is-Soċjeta` Ewlenija ta' Beltna tibqa' mixja fit-triq tal-progress.

## Werrej

Il-Kelma tal-President........................3
Il-Professur Ġużè Aquilina u l-Birgu.5
Ir-Rużarju Mqaddes...........................6
La Scala Santa....................................6
Living in Denial................................7
Super Palmiżi..................................8/9
Għalina n-Nisa.................................10
John Bull..........................................11
Wiċċ imb'wiċċ ma' Noel Gauci..12/14
Attivitajiet Settembru / Ottubru........14

**_Editur_**
Simon Farrugia

**_Riklami_**
John Attard
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia

**Proof Reading**
Bjorn Callus

**_Ritratti_**
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich
Andre Xuereb

**Ritratt Faċċata**



Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz waqt il-Programm 'Vittoriosa in festa' fuq il-Planċier Meravilja.

**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, Triq San Pawl, Valletta
Tel: 2122 4607 Mob: 9987 0603
E-mail: emibonnici@gmail.com


PJAZZA REĠINA
VALLETTA
Everybody's Centrepiece
DELICATA
Family Winemaker
Since 1907
WWW.DELICATA.COM
/DELICATA WINERY

# Il-Professur Ġużè Aquilina u l-Birgu

***minn Anton Attard***

Fost il-persunaġġi distinti li f'xi żmien jew ieħor għexu 'l Birgu hemm il-Professur Ġuże` Aquilina. Għalkemm kien Għawdxi, f'żogħżitu, minħabba l-istudji tiegħu fl-Universita` f'Malta, għażel li jgħaddi biċċa sewwa jgħix ma' zitu Reġina f'din il-belt fit-triq ta' Sant' Anton. Jidher li hawn għamel ħbieb sewwa, għax meta ggradwa bħala avukat, fir-riċeviment li kien għamel, stieden lill-Għaqdiet prominenti kollha Vittoriosani.

Aquilina hu wieħed mill-aqwa kittieba tal-Malti. Fost ix-xogħlijiet tiegħu hemm ir-rumanz storiku soċjali *Taħt Tliet Saltniet*, li kitbu fis-sajf tal-1935, meta kien għadu joqgħod il-Birgu. F'dan ir-rumanz, lill-Birgu jagħtih prominenza ġmielha. Fl-istess ħin, meta taqra ċerti passaġġi fir-rumanz tintebaħ kemm kien sar midħla ta' din il-belt. Ngħid dan, għax meta kiteb dwarhom ma semmihomx kif huma magħrufa uffiċjalment, iżda kif isibuhom in-nies tal-Birgu. Is-Sur tal-Posta tal-Ingilterra semmiegħ kif nafuh aħna tal-Birgu – *Is-Sur tal-Miratur*. L-istess għamel f'passaġġ ieħor, fejn minflok il-Posta ta' Allemanja irrefera għaliha bħala *Fuq is-Sur tat-Toqba*. F'passaġġi oħra jsemmi *ċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz* u *t-Triq ta' Lhud*...



**Fuq Is-Sur tal-Miratur**

Kien fuq dan is-Sur tal-Miratur li Aquilina, permezz ta' nisa mill-Birgu, ta ħjiel ta' kif kienu qed iħarsu, dik il-ħabta, il-biċċa l-kbira tal-Maltin lejn l-Ordni ta' San Ġwann, minħabba l-imġieba xejn korretta ta' ħafna mill-kavallieri ftit qabel ma tkeċċew minn Napuljun. Biex għamel dan, il-professur immaġina diskursata bejn xi nisa li kienu fuq is-sur, wara li xi kavallieri żgħażagħ imqarbin kienu għadhom kif għaddew minn quddiemhom. Waħda minnhom qalet hekk: *"Ara x'kull biċċa tnejn! Tkun qiegħda għal xogħlok, u ssib min ma jħallikx b'sabrek. Dak id-daħk imċarrat, dak l-għemiż, u kliem ta' żeblīħ, mara Maltija ma toqgħodx għalih kif ġieb u laħaq. U, mhux sewwa xxewwex lil żewġek jew lil ħutek jew lil missierek, għax tfittixhom u ma ssibhomx. Imma xtaqtni kont raġel bħalissa għax kont inħebb għalihom"*.

Mara oħra kompliet magħha:

*"Bħalek ingħid jien. Imbagħad dawn, għal ġieħna, huma nies li ħalfu li jkunu rġiel tajba quddiem Alla, Sidtna Marija u San Ġwann. Ajma j'ommi! Qaddisin jimxu fl-art! Ħalfu wkoll li jħarsu lir-romol u x-xebbiet. Minn ħarsien bħal dan Alla jħares lir-romol u aktar u aktar lix-xebbiet!"*.

Qabżet oħra:

*Ma' niesna ma jitħalltu qatt, ħlief biex idaħħluhom bejn il-basla u qoxritha. Aħna f'kollox agħar. Imbagħad, aħjar għalihom jekk huma nobbli; aħna, fil-faqar tagħna, ngħallmuhom fil-beraħ fejn joqgħod il-ġieħ!"*

Għalkemm kien hemm xi tnejn li wrew li ma qablux magħhom, id-diskursata xejn ma kienet ibbilanċjata. Tant hu hekk, li dik li bdiet id-diskursata wieġbithom bla tlaqlieq: "*Imbierka qalbkom kemm tħoss! Dawn huma żminijiet li żwieġna qegħdin ifittxu mnejn jaqilgħu loqma ħobż u ma jsibuhiex. Uliedna magħluba, anqas xi nlibbsuhom ma għandna."* U kompliet:

*" Tafu x'qalli wieħed li jaf jaqra u jikteb? Jekk żewġek tridu jibda jaqla' loqma mhux ħażin, ibagħtu 'l-kavallieri 'l barra."*

Xhud tat-tensjoni fost il-Maltin li kienet tidher dak iż-żmien ittihielna t-tweġiba għall-kliem din il-mara, minn waħda min-nisa. Waqt li poġġitilha jdejha fuq ħalqa, widdbitha: *"Iskot, għax l-ajru għandu għajnu u l-ħajt għandu widintu."*

Oħra qablet magħha:

*"Sewwa qed tgħid. Il-lum, kif avżani żewġi, il-kliem qisu qabel tgħidu, għax ħlief sefsiefa ma tarax ma' wiċċek."*

**It-Toqba l-Qadima**



Meta sħab Ġan Anton Vassalli kienu qed iħejju pjan biex iħarrbuh mill-ħabs u minn Malta, Aquilina lill-Birgu tah sehem importanti biex seta' jseħħ il-pjan tagħhom. Għax biex seta' jseħħ dan, kien jinħtieġ xi ġifen. Ġanni, wieħed mis-sħab tal-konfoffa, mar ifittex lil ċertu Markoras, Grieg kaptan ta' ġifen, magħruf għall-kutrabandu. Billi dan kien ipoġġi 'l Birgu, fil-ħanut ta' Dovik tal-Qarn, Ġanni mar ifittxu hawn. Dovik qallu li kien għadu ma wasalx, għax normalment dan jasal xi nofs siegħa wara nżul ix-xemx. Il-Profs Aquilina għażel post magħruf ieħor fil-Birgu fejn Ġanni għażel li jmur jistennieh. Kiteb li Ġanni mar iqatta' l-ħin li baqa' fuq ***is-Sur tat-Toqba l-Qadima*** u mhux kif magħruf uffiċjalment fuq is-Sur ta' Allemanja.

**Iċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz**

Wieħed mill-karattri prominenti fir-rumanz ta' Aquilina hija x-Xiħa ta' Wied Għafrid. Xiħa li tul ħajjitha għamlet minn kollox biex rabbiet lil binha inkapaċitat serjament. Wara mewtu, u mgħobbija bil-għomor kif kienet, fi kliem Aquilina, bdiet tfittex li tiġi għaliha l-mewt. Minn tant ċimiterji, emmnet li kien possibbli li taqta' xewqitha jekk tmur tistennieha fiċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz, il-Birgu. U hemm, fl-aħħar, irnexxielha tiltaqa' magħha.

Darba minnhom, id-deffien taċ-ċimiterju kien għadu kif ħaffer qabar biex jidfen fih katavru ta' raġel li kien miet bit-tuberkulożi. Waqt li kienet aljenata miexja tħares lejn il-lapidi ta' whud li kienet taf, tfixklet fit-tebut li kien fix-xifer tal-qabar ġdid, waqgħet fih u hija u nieżla ġibditu fuqha. Bil-piż tiegħu li waqa' fuqha, il-mewt li tant xtaqet waslet u, kif kienet xewqitha, iltaqgħet magħha u sabitha hemm.

**It-Triq ta' Lhud**

Din it-triq huma l-ftit li għadhom jiftakruha għax iġġarrfet kollha kemm hi fil-gwerra li għaddiet. Il-Profs Aquilina laħaqha, għax kien joqgħod fil-qrib. Din kienet xaqliba oħra fil-Birgu li għamel referenza għaliha fir-rumanz tiegħu. Flimkien ma' Ġanni, iż-żagħżugħ li ġa semmejna, persuna oħra li Aquilina ħoloq fir-rumanz tiegħu hija Ester, bint il-Lhudi Ebenezer, raġel makakk u ħalliel. Minn kif iddeskrivieha Aquilina, kienet tfajla mill-isbaħ. Għolja minn ġisimha, spallejha mdaqqsin neżlin ħelu ħelu, u minnhom ħerġin żewġ dirgħajn mibruma, idejn ftit somor, u għajnejn suwed kbar.

Ġanni raha għall-ewwel darba u ħelisha minn għawġ serju meta, flimkien ma' missierha, xi bdiewa kienu ser iħaġġruhom wara li dan kien ilu jisraqhom u jqarraq bihom għal żmien twil. Fil-konfużjoni għajnejhom iltaqgħu u bejniethom nibtet dik li l-Ingliżi jsibuha bħala *Love at First Sight*.

Wara li Ġanni kien spara u, bla ma jaf, qatel lil missierha meta sabu jisraq minn fuq il-mejtin wara t-taqtiegħa bejn il-Franċiżi u ż-Żabbarin, ħass li kellu jmur il-Birgu biex jieħu ħsieb Ester, li issa sfat weħidha għal kollox mingħajr ebda wens. Minkejja s-sogru, daħal il-Birgu nkiss inkiss u jsaqsi minn hawn u jsaqsi minn hemm, sab fejn kienet toqgħod. Fejn? *f'dar fit-triq ta' Lhud.*

Ġmiel ta' rumanz miktub il-Birgu li, la darba tibdieh, ikollok seba' mitt sena sa ma tispiċċah.

## Ir-Rużarju Mqaddes *minn Fr Martin Mamo OFMCap.*



Ir-Rużarju mqaddes m'huwiex xi drawwa tal-imghoddi, m'huwiex xi talba ta' żminijiet ohra. It-talba tar-Rużarju qed tkun mfittxija ħafna fid-dinja tal-lum. Dan huwa sinjal ta' mħabba lejn Ġesù u lejn Ommu Marija min-naħa tal-ġenerazzjoni li tielgħa. Fid-dinja li qed nghixu fiha, din it-talba tghinna npoġġu lil Kristu fiċ-ċentru, kif kienet tagħmel il-Verġni Marija, li kienet timmedita f'qalbha dak kollu li kien jinghad fuq binha, u dak kollu li hu kien jagħmel u jgħid. Meta nitolbu r-Rużarju nkunu qed nghixu mill-ġdid l-aktar mumenti importanti fl-istorja tas-salvazzjoni u nġeddu fina l-mumenti sinjifikanti tal-missjoni ta' Kristu. Flimkien ma' Marija l-qalb tagħna timxi fuq il-passi ta' Ġesù. Lil Kristu npoġġuh fiċ-ċentru ta' ħajjitna, ta' żmienna, tal-familja tagħna, tal-belt tagħna, permezz tal-kontemplazzjoni u l-meditazzjoni tal-misteri tal-ferħ, tad-dawl, tat-tbatija u tal-glorja. Żgur li Marija tgħinna nilqgħu fina l-grazzja li tiġi minn dawn il-misteri, u permezz tagħna tkun tista' ***tagħti ħajja ġdida*** lis-soċjetà, billi ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ta' bejn il-bnedmin, u ssaffiha minn ħafna taħsir, u twassalha għall-gharfien ġdid ta' Alla.

Ir-Rużarju, meta nitolbuh sewwa, mhux b'mod mekkaniku u superfiċjali iżda b'mod profond u b'ġabra, jimliena bil-paċi u bir-rikonċiljazzjoni. Ghandu fih il-qawwa li jġedded l-Isem imqaddes ta' Ġesù, li huwa msejjaħ bil-fidi u bl-imħabba fil-qalba ta' kull *Ave Maria*.

Ejjew irroddu ħajr lil Alla tal-grazzja li jagħtina li nitolbu r-Rużarju mqaddes f'dan ix-xahar Marjan t'Ottubru.

**Il-Papa Franġisku** fil-15 t'Awissu 2013 kien staqsa hekk; "Intom titolbu r-Rużarju? Ir-Rużarju huwa t-talba li nitolbu ma' Marija, b'mod speċjali għandu dimensjoni ta' taqbida fil-ġlieda tagħna kontra l-ħażen."

**Il-Papa Piu IX** kien jgħid; "għatuni armata li jgħidu r-Ruzarju u nirbaħ lid-dinja."

**Ġwanni Pawlu II** kien jgħid; "ir-Ruzarju huwa l-mod kif nikkontemplaw il-wiċċ ta' Kristu minn għajnejn Marija."

**San Ġorġ Preca** kien jgħid; "il-Madonna tkun qed tistenniena imqar sa nofs il-lejl b'ħames posti tar-Ruzarju."

Mela, zomm kuruna fil-but u ibda mil-lum itlob ir-Ruzarju.

**NB. FUQ IT-TV CHANNEL 2000 fis-6.00 ta' filgħaxija ikun hemm ir-Rużarju kuljum dirett minn Lourdes u anki fit-8.00pm.**

Kunu mberkin.

# La Scala Santa

***jikteb George Cilia***

Fil-pjazza tal-Bażilika San Giovanni in Laterano, eżattament quddiem is-Sancta Sanctorum twaqqfet La Scala Santa. Hekk imsejħa La Scala Santa, li twaqqfet fl-1589 għax fiha 28 tarġa tal-irħam magħrufa bħala "Il Patriarchia" fl-istess blokk bini tal-Lateran. Fil-bidu "Il Patriarchia" kien jinfetaħ għal dawk il-pellegrini li kellhom il-permess tal-Papa biex iżuruh u jirċievu l-benedizzjoni tiegħu.

Skont leġġenda medjevali dan it-taraġ ħa l-forma preżenti fis-sena ġubilari tal-1450, iżda kien ilu li ġie trasportat lejn Ruma sa mis-sena 326 mill-Imperatriċi Helena, omm l-Imperatur Costantino. Sant' Elena ġarret magħha dawn it-turġien mill-Palazz ta' Pilatu f'Ġerusalem fejn Ġesu` kien tela' u niżel kemm-il darba waqt il-proċess tal-kundanna għall-mewt. Aktar tard fis-sena 1723 Innoċent VII (1721-1724) ordna taraġ tal-injam li tpoġġa fuq dak tal-irħam biex jiġi mħares minn xi ħsarat. Inħadmu toqob fl-injam mgħottija bi ħġieġa tonda b'mod li jidher id-demm li ħalla warah ir-Redentur tagħna. L-Insara li jżuru Ruma ma jonqsux li jinvistaw La Scala Santa, jitilgħu għarkobbtejhom u jbusu l-ħġieġa tonda. Ħafna mill-Papiet telgħu b'devozzjoni kbira u riflessjoni profonda dawn it-turġien. Ta' min isemmi, fost l-oħrajn, l-aħħar viżita memorabbli tal-Papa Beatu Piju IX f'Settembru tal-1870 meta tela' għarkubbtejh fl-aħħar jum qabel ma beda l-inkwiet f'Ruma. Dan is-Santwarju famuż ġie mogħti f'idejn il-kumpanija tal-Passjonisti mill-istess Papa fis-sena 1853.



**Is-Sancta Sanctorum**

Fiż-żminijiet medjevali is-Sancta Sanctorum kienet il-kappella privata fir-residenza tal-Papiet, dedikata lill-Martri San Lawrenz sa minn żmien qabel tas-seklu VIII. Mill-bidu tas-seklu IX bdiet tissejjaħ is-Sancta Sanctorum l-aktar minħabba n-numru u l-importanza tar-relikwiji miżmuma f'dan il-post. Ħafna dokumenti jsemmu kemm unuri prestigjużi kisbet il-kappella tal-Papiet għar-raġuni li l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa jiġu ċċelebrati hemmhekk. "Fid-dinja kollha ma jeżistix post aktar sagru

daqs din il-kappella". Din id-deskrizzjoni kienet xierqa u għadha valida sal-lum, anke jekk il-post ma għadx għandu l-iskop prinċipali tal-bidu minħabba l-fatt li ħafna relikwiji u oġġetti prezzjużi oħra ġew trasferiti għal bnadi oħra.

Wara l-ħsarat li sofriet bit-terremot tal-1277 is-Sancta Sanctorum ġiet restawrata mill-Papa Nicholas III (1277-1280) minn wieħed b'isem mgħallem Cosmatus b'xogħol li bidel konsiderevolment il-bini oriġinali. Is-Sancta Sanctorum xorta waħda baqa' meqjum minn Gregorius bħala l-aktar santwarju venerat ġo Ruma.

L-Arkitett Domenico Fontana (1543-1604) tqabbad jerġa' jibni mill-gdid il-"Patrearchio" bil-kundizzjoni tar-rilokazzjoni mas-Sancta Sanctorum. Dan ix-xogħol twettaq kompletament biż-żieda ta' żewġ kappelli ġodda, waħda dedikata lil San Lawrenz u l-oħra lil San Stiefnu. Il-kappelli jinfdu ma' xulxin permezz ta' kuritur filwaqt li nbena artal ġdid fl-1977 dedikat lil San Lawrenz.

*Tagħrif miġbur mit-III Edizjoni 1988 La Scala Sancta*



*Il-Kappella ddedikata lil San Lawrenz fis-Sancta Sanctorum*

# Living in Denial

***minn Simon Farrugia - Segretarju***

Kulħadd kelma waħda kien wara l-10 t'Awwissu – x'Festa kbira kien hemm fil-Belt Vittoriosa. Din mhux xi ħaġa ġdida għax minn sena għall-oħra l-Festa tal-Patrun tal-Belt Rebbieħa qed tkompli tikber. U hija festa kompluta. Banda, Nar, Armar, Każin, Plančier Meraviljuż, Knisja Monumentali u ħafna aktar. Imma forsi l-aktar ħaġa li jien kburi biha hi dik li l-folla massiva ta' nies fil-ħafna marċi tal-briju qatt ma tirrivolġi għal xi tgħajjir jew attakki personali. Qatt ma jgħajru lil xi qaddis, jew bil-kliem ħażin. Jew bil-lanżit lejn xi individwi għax l-għanqud tal-għeneb ma jistax jintlaħaq. Min jagħmel hekk ikun miskin li forsi sforz l-inferjorita` li jkollu ma jkollux triq oħra. Prosit partitarji Palmiżi.

Matul il-ġranet tal-Festa tal-Patrun ħadt pjaċir nitkellem ma' dilettant kbir tal-Festi li kif jgħid il-Malti qisu mejda tal-qubbajt. Dan beda jgħidli kemm hija kbira l-Banda u l-Festa tagħna. Għidtlu int suppost li ġej minn pajjiż kbir bħal Ħal-Qormi mhux suppost tiskanta. B'umilta` għidtlu nippruvaw nagħmlu mill-aħjar. Dlonk qalli li l-Festa ta' San Lawrenz hija waħda kompluta. Fiha minn kollox u l-kumment l-aktar li laqatni kien dak meta semmieli l-Banda. Qalli l-Banda tagħkom hija Banda attiva. Kompla li ma tridx tistenna sena biex tara l-istandard u tisma' l-katuba tagħha. Għandha numru kbir ta' servizzi kemm fil-Parroċċa kif ukoll barra. U dak il-ħin għidtlu dik hija l-Banda tal-Birgu.






Wara l-Festa mill-ewwel iltqajna sabiex bdejna nħejju għal sena sħiħa attivita`. Il-każin tagħna m'huwiex tax-xahar t'Awwissu biss. Każin tas-sena kollha. Attivita` kontinwa. Fil-fatt nista' ngħidilkom li s-sena d-dieħla b'kollox il-Banda ser tkun qed tagħmel seba' programmi mużikali. Ser nibdew bil-kbir fejn f'Jannar il-Banda tal-Birgu għas-sitt darba fl-istorja glorjuża tagħha ser tkun qed tirrappreżenta lill-pajjiżna barra minn xtutna. Fl-istess xahar ambaxxatriċi ta' Beltna fil-ftuħ tal-V18. Ninsabu fil-konklużjoni tal-Programm tal-135 sena Banda. Programm ambizzjuż, imħejji bi professjonalita` u bl-ebda għaġla u paniku biex ngħidu taparsi għamilna kommemorazzjoni. Diġa` nidejna kompetizzjoni pubblika għal-Logo 135 biex dan ikun lest għall-bidu tal-festeġġamenti li ser ikunu mifruxa fuq sena sħiħa sabiex nonoraw lill-ewwel Banda tal-Birgu.

Il-Kummissjoni Banda qed taħdem fuq ħafna affarijiet fejn ser isiru żewġ recordings kemm ta' marċi ferrieħa kif ukoll tal-funebri b'dawn tal-aħħar jitgawdew tant mid-dilettanti li jaraw lill-Banda Vittoriosana San Lawrenz tieħu sehem fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Diġa` għażilna t-tema għall-Programm tas-sena d-dieħla. U bil-ħaqq serrħu raskhom ħbieb. Mhux ser nikkuppjaw lil ħadd. Dak inhalluh għal ħaddieħor biex jikkommemora dak li nkunu għamilna snin ilu. Oriġinali bħal dejjem!

Għal-lum ser ikolli nħallikom għax fl-aħħar għandi ftit ċans u ħa nara Musical. Illum għażilt il-Phantom of the Opera. Oops... Ma kellix ix-xorti llum għax inqata' d-dawl. Nispera li ma' jdumx ma' jiġi. M'hemmx x'tagħmel tlaqt sal-uniku Palazz fil-Belt Vittoriosa nieħu belgħa te`. Iva ta' miftuħ ikun dejjem mis-6.30 ta' filgħaxija sad-9pm. U le x'jien ngħid! Dal-qtugħ tad-dawl tilifli moħħi. Mis-7.00 ta' filgħodu sa' tard bil-lejl ridt ngħid. Addios ħbieb.



*'SYMPHONY OF LIGHTS'*
*IL-ĦADD 6 T'AWWISSU -*
*Wara marċ grandjuz show uniku mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmizi*

# S U P E R



*'VITTORIOSA IN FESTA ' IT-TNEJN 7 AWWISSU -*
*Bit-tema oriġinali 'A Symphony to VIctory' il-Pjazza ewlenija ta' Beltna mimlija bin-nies isegwu dan il-kunċert uniku fuq il-Plančier Meravilja*



*'VITTOROSA IN FESTA'*
*IT-TNEJN 7 T'AWWISSU -*
*Mument minn dan il-Programm taħt id-direzzjoni tas-Surmast Jonathan Abela*

# PALMIŻI

*L-ANTIVIĠILJA T-TLIETA 8 T'AWWISSU -
Massa ta' nies waqt it-tlugħ tal-istatwa ta'
San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja -
Ta' min jinnota li l-Banda mhux fir-ritratt*





*'LA NOTTE DI SAN LORENZO'
L-ERBGĦA 9 T'AWWISSU -
Spettaklu uniku fil-Port il-Kbir -
Il-ħolma u l-għira ta' ħafna*



*MARĊ TE DEUM
L-ERBGĦA 9 T'AWWISSU -
Ritratt panoramiku tal-marċ ta'
filgħodu fl-aqwa tal-briju tiegħu*

*JUM L-10 T'AWWISSU -
L-Istatwa ta' San Lawrenz,
Patrun tal-Belt Vittoriosa
quddiem Palazzo Huesca,
il-Palazz uniku fil-Birgu
li jinsab fiċ-ċentru
tal-Pjazza ewlenija*



# Għalina n-Nisa

*minn MaryRose Gauci*



## Riċetta: Ross l-Forn

***Għaz-zalza***
2 mgħaref żejt
2 basal
4 sinniet tewm
2 qarabagħli mqatta' dadi
400gr kkapuljat taċ-ċanga
Bott corned beef żgħir
2 mgħaref kunserva
200ml polpa tat-tadam
Mgħarfa worchester Sauce
Dada tat-tiġieġ
200ml ilma
Bżar u curry

***Għar-ross***
400gr ross
3 bajdiet imħabbtin ħafif
700ml ilma
350ml ħalib
100gr ġobon tal-ħakk



***Metodu:***
Saħħan il-Forn 200C. Saħħan iż-żejt u qalli l-basal u t-tewm. Żid il-qarabgħali u l-ikkapuljat sakemm jieħu l-kulur. Żid il-curry, kunserva, polpa tat-tadam, ilma, worchester sauce, id-dada tat-tiġieġ u l-bżar. Ħalli jsir għal 15-il minuta u ħawwad kultant. Żid il-corned beef.

Sakemm issir iz-zalza, ħallat il-bajd, il-ħalib, l-ilma, il-ġobon u r-ross ġo dixx għoli. Żid iz-zalza u ħallat kollox sew mill-qiegħ. Aħmi għal 15-il minuta, oħroġ mill-forn u erġa' ħawwad sew. Aħmi għal nofs siegħa oħra sakemm jiħmar il-wiċċ.

## *Konverżjoni Temperatura tal-Forn*

| Bil-Malti | Fahrenheit | Celsius | Gas Mark |
|---|---|---|---|
| Baxx Ħafna | 275°F | 140°C | 1 |
| Baxx | 300°F | 150°C | 2 |
| Baxx/Moderat | 325°F | 170°C | 3 |
| Moderat | 350°F | 180°C | 4 |
| Sħun | 375°F - 400°F | 190°C - 200°C | 5 - 6 |
| Sħun Ħafna | 425°F | 220°C | 7 |
| Jaħraq ħafna | 450°F - 475°F | 230°C - 240°C | 8 - 9 |





## *Ftit tagħrif dwar: Il-Ġinġer*

Meta tixtrih sħiħ għandu jkun jidher li huwa sħiħ u xott, bil-polpa soda u mingħajr tbajja jew makkjaturi, ukoll għandu jkollu kulur uniformi u mhux elastiku ħafna. Għandek tiskarta dawk li jkollhom ħafna partijiet li qed iċedu kif ukoll dawk li ma jkollhomx aroma intensa u gradevoli, bħal dik tal-qoxra tal-lumi.

L-għerq frisk merfugħ f'borża tal-karti fil-friġġ iżomm fi stat perfett anke għal xahar. Jekk iżżommu barra f'temperatura tal-kamra trid tagħmel użu minnu fi żmien jumejn.

Il-ġinġer huwa rifreskanti, disinfettant u tajjeb għad-diġestjoni. Jista' jgħin lil min ibati biċ-ċirkulazzjoni u jippreveni problemi ta' għeluq ta' vini, kif ukoll il-ġilda tixjieħ inqas peress li huwa sinjur fil-vitamina A. Meta meħud f'forma ta' te` tajjeb għal min ibati bil-ħruq ta' stonku. Il-ġinġer fih il-minerali fosfru, kalċjum u potassa, kif ukoll il-vitamina A u C.



# John Bull 1562 - 1628

*jikteb Christopher Pisani*

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil kull min kien parti minn din il-festa Suċċess li kellna. Suċċess fin-nar, suċċess fil-briju, suċċess fl-armar, u bla dubju ta' xejn suċċess mil-lat mużikali kemm waqt il-marċi kif ukoll waqt il-programm li kellna fuq il-planċier meravilja tas-Soċjeta` tagħna. Ta' min jgħid li issa, dan il-programm daħal sew fil-kalendarju ta' kull min iħobb il-mużika, u issa sar ukoll lezzjoni ta' kif isir programm dehen ta' festa kbira. Titpaxxa tisma' l-banda ddoqq u titpaxxa tħares lejn il-planċier; it-tnejn jikkumplimentaw lil xulxin. Imma issa nerġgħu naqbdu r-rutina ta' matul is-sena u nerġa' nlaqqakom ma' kompożitur famuż ieħor ingliż. Din id-darba niltaqgħu ma' John Bull.

John Bull twieled fis-sena 1562. Mhux magħruf sew jekk twieledtx f'Somerset jew Londra. Fl-1573, Bull daħal jagħmel parti mill-kor tal-Katidral ta' Hereford. Sena wara ingħaqad mac-Chapel Royal ta' Londra, fejn hemmhekk studja ma' John Blitheman u William Hunnis. Barra l-kant, Bull studja wkoll l-orgni. Fl-1582, Bull ingħata l-ewwel impjieg tiegħu ta' organista fil-Katidral ta' Hereford u ftit wara laħaq għalliem tat-tfal iż-żgħar tal-kor.



Fl-1586, Bull irċieva *degree* mill-Universita` ta' Oxford. Fl-1591, wara l-mewt ta' John Blitheman, Bull laħaq organista tac-Chapel Royal. Sena wara, fl-1592 irċieva d-dottorat minn Oxford fil-mużika. Erba' snin wara, fl-1596, Bull sar l-ewwel Professur tal-Mużika f'Gresham College fuq rakkomandazzjoni tar-Reġina Elizabetta. Hemm min jgħid li bejn 1601 u l-1602, Bull kien intbgħat mir-Reġina Eliżabetta bħala spjun fl-Ewropa. Jista' jgħati l-każ li r-raġuni kienet ukoll għal raġunijiet ta' saħħa. Li hu żgur hu li qatta' xi żmien fi Brussell. Mal-mewt tar-Reġina Eliżabetta, laħaq King James. Dan King James kien bagħat għal Bull biex jerġa' lura l-Ingilterra. Mal-wasla tiegħu lura pajjiżu, Bull malajr ħa l-fama ta' kompożitur abbli, organista mill-iprem u mprovizzatur ta' ħila.

Apparti li kien mużiċista ta' ħila u kompożitur mill-iprem, kien ukoll tajjeb biex jidħol fil-problemi. Fl-1597, meta beda jaħdem f' Gresham College, kellu josserva ċerti kriterji fosthom li joqgħod fil-Kulleġġ stess u jgħati diskors inawgurali fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju fil-preżenza tas-Sindku (li kien l-Isqof ta' Londra). Hu ma kellux fejn joqgħod fil-Kulleġġ għaliex it-tifel ta' Thomas Greshem, il-Professur tal-Mużika ta' qabel ma laħaq Bull, kien għadu jgħix hemm. Allura, Bull iddeċieda waħdu li jqabbad bennej, iwaqqa' l-ħajt li kien hemm jifred il-kamra li kellu mal-kamra li suppost kellu u b'hekk niffidhom f'waħda u sfurzah biex joħroġ minn hemm. Għaxar snin wara kien sfurzat li jitlaq mill-inkarigu li kellu fil-Kulleġġ nhar l-20 ta' Diċembru 1607 għaliex kellu tifla qabel iż-żwieġ minn Elizabeth Walter. B'hekk tilef is-sors li kellu ta' dħul finanzjarju u anke saqaf fuq rasu. Jumejn wara li tilef ix-xogħol tiegħu fil-Kulleġġ, Bull għamel petizzjoni biex ikollu liċenzja taż-żwieġ, imma xorta waħda baqa' qatt ma resaq lejn dan il-Kulleġġ. Bull iżżewweġ lil Elizabeth Walter fl-1607.



Ftit wara li kkompona 7 biċċiet mużika għal *keyboard*, f'Ottubru tal-1613 Bull kellu jitlaq mill-Ingilterra wara għadab kbir mir-Re nnifsu u anke mill-Isqof ta' Canterbury. Ir-raġuni kienet li seta' kien hemm xi forma ta' Adulterju fin-nofs. Bull mar jgħix fi Flanders, Belġju, fejn fl-1615 il-Katidral ta' Antwerp appuntah bħala assistent organist. Fl-1617 laħaq bħala organista titular tal-katidral ta' Antwerp.

Bull kien wieħed mill-iktar kompożituri famużi tas-17-il seklu. Miegħu kien hemm Girolamo Frescobaldi u Jan Pieterszoon Sweelinck. L-unika pubblikazzjoni li kellu kienet dawk is-seba' biċċiet mużikali għall-*keyboard* li jagħmlu parti mill-pubblikazzjoni Parthenia li tikkomprendi siltiet mużikali ta' żewġ kompożituri oħra, William Byrd u Orlando Gibbons. Hemm min jikkredita l-Innu nazzjonali Brittaniku (God Save the King) lil Bull, għalkemm m'hemmx evidenza ċara. Bull miet nhar it-12 ta' Marzu tal-1628. Il-kawża tal-mewt tiegħu m'hiex magħrufa. Li hu żgur hu li Bull indifen fil-Katidral ta' Antwerp. Anke wara mewtu, Bull qatt ma reġa' lura lejn art twelidu.

**IKLA FAMILJARI**

**Southport Restaurant, M'Xlokk**

**nhar il-Ġimgħa 15 ta' Settembru, 2017 mit-8pm il-quddiem**

**MENU**

**Bruschetta – Buffet ta' Pasta u Pizza –**

**Semi Freddo – Tazza Inbid/ Soft Drink**

**Prezz: €17 li jinkludi t-trasport**

# Wiċċ Imb'wiċċ ma' Noel Gauci

***minn Paul Micallef***

Minn kemm ili nagħmel dawn l-intervisti, forsi aqta' lil Eugenio Pellicano, Noel hu l-aktar wieħed li hu qrib tiegħi u forsi nafu wkoll kemmxejn iktar mill-oħrajn.
Noel fortunatament (jew sfortunatament), neħħi l-futbol, għandu l-istess delizzji tiegħi, iħobb l-istess affarijiet li nħobb jien li jinkludu l-festi, il-Ġimgħa l-Kbira, il-każin u dak kollu li għandhom x'jaqsmu magħhom. Għalhekk dawn l-affarijiet komuni għat-tnejn qarrbuna lejn xulxin u ħdimna flimkien u jien naf xi jsarraf Noel. Lil Noel f'kull kariga li kellu u li għandu jitfa' ruħu u ġismu fiha u bl-eneġija ma tieqaf qatt jagħmel biċċa xogħol tajba u li tista' tafdah b'għajnejk magħluqa għax biċċa xogħol f'idejn Noel tfisser biċċa xogħol kompluta u tajba.

**Twanny**
Ma nistax ma nibdiex nikteb dwar Noel mingħajr ma nsemmi lil missieru Twanny li t-tnejn kienu jinħabbu b' imħabba u b' ammirazzjoni lejn xulxin. U jien naf sew x'qed nikteb! Noel bit-telfa ta' missieru tilef missier, l-akbar ħabib u punt ta' riferenza fejn bil-pożittività` li kellu Twanny kien jikkalmah f'sitwazzjonijiet fejn Noel kien ikun nervuż jew forsi kienet taqbiżlu. Il-vojt li ħalla fih hija xi ħaġa indeskrivibbli u qalli li għadu jaħseb fih kull ħin u kull mument tal-ġurnata.



**Twelid, magħmudija u isem**
Intant Noel twieled fl-isptar tal-Blue Sisters, San Ġiljan fit-18 ta' Ottubru tas-sena 1972. Interessanti ħafna li Noel ġie mgħammed darbtejn. Dan għaliex minħabba li Noel twieled kmieni ħafna (iddejjaq hemm ġew ħej!) ta' 7 xhur għax beżgħu li ma jibqax ħaj u hekk għammduh mill-ewwel. Imbgħad reġgħu għammduh b'mod iktar kalm u formali iktar tard fil-knisja ta' San Lawrenz. U interessanti iktar għaliex issemma Noel. Ir-raġuni kienet li minħabba li hu kellu jitwieled fil-Milied iżda twieled qabel xorta ġie deċiż li jissemma' għall-Milied... Noel.

**Tfulija**
It-tfulija ta' Noel kienet normali ta' dawk iż-żminijiet, skola u Museum. Noel qalli li l-formazzjoni li ħa mill-Museum għadha tgħodd sal-lum il-ġurnata. Kien żmien sabiħ ħafna li ma jinsa qatt fejn flimkien ma shabu taħt is-superjur Frankie Chetcuti mill-Birgu stess għamel hemm sa kważi sittax -il sena tant li sħabu kienu tawh il-laqam ta' San Franġisk. Fiż-żogħżija praspar ma naqsux fejn flimkien ma Dominic Parascandalo (iċ-chopper iż-żgħir) għamlu karriera twila joħorġu flimkien, jaħdmu għall-festa, jittantaw ix-xemx għaddejja, insomma flimkien għaddew żmien li ma jintnesa qatt.

**Ġenituri**
Missieru Twanny li kien mill-Birgu kien daħal fitter it-tarzna ta' eta` żgħira fejn fl-aħħar tal-karriera tiegħu kien spiċċa bħala foreman il-machine shop. Kif tafu u kif tiftakruh żgur kien attiv ħafna fil-każin, fil-festa, fil-palk insomma mhux ta' b'xejn li ibnu Noel hu daqshekk involut għax iddakkar minn missieru u kif jgħid il-Malti... il-fula bint il-miżwed u r-razza dejjem tiġbed. Tajjeb nikteb ukoll li anki f'din ir-rubrika jien kont intervistajt lil missier Noel ukoll. Kif forsi tiftakru sew Twanny ħalliena s-sena l-oħra eżattament fl-1 ta April. Omm Noel, Ġorġina ukoll mill-Birgu mietet fit-18 ta' Diċembru 2001 wara l-marda twila u kiefra tal-kankru fejn kienet mara qaddisa li dejjem ħadet ħsieb il-familja.



**Ħuh**
Noel għandu ħuh iżgħar minnu b' sitt snin bl-isem ta' Stefan. Stefan hu ukoll persuna popolari ħafna fil-qasam tal-apparat tal-ħoss. Għal Noel u speċjalment għan-neputijiet, Stefan ifisser ħafna vera kif qalli Noel li għandhom karattru totalment differenti hu u ħuh imma jieħdu ħsieb xulxin kif għandhom ikunu l-aħwa.

**Zija u kunjati**
Persuna oħra li tista' titqies bħala *extended family* hija zitu Mary li tiġi oħt ommu li għadha toqgħod fl-istess residenza ta' ħuh u missier Noel. Minħabba li hi persuna bi problemi fil-mobilita` Noel jieħu ħsieb ċerti bżonnijiet tagħha speċjalment fl-ikel qisha kienet ommu.
Apparti l-familja Noel ukoll wera l-apprezzament tiegħu għall-kunjati Ninu u Ġuża li huma nies ta' rispett kbir u s-support li jsibu mingħandhom bħala familja speċjalment fejn jidħlu t-tfal huwa kbir ħafna u ma jafx kif xi darba jista' jroddulhom lura.

**Edukazzjoni**
Bħala skola primarja Noel mar l-iskola tas-sorijiet ta' St. Francis ta' Bormla (li kont immur jien fiha wkoll) u bħala skola sekondarja mar il-Junior Lyceum f'Tal-Ħandaq, Ħal Qormi. Wara hu mar it-Technical Institute in-Naxxar fejn hemmhekk ġab id-diploma tad-draughtsman fejn bħala student ħaddiem hu daħal bħala apprentice mal-Enemalta fejn kien iwasslu x-xogħol il-mibki Joe Gellel. Wara hu għamel eżami mal-gvern u daħal jaħdem ir-Reġistru tal-Artijiet fejn għamel hemm 22 sena. 7 snin ilu huwa ġie promoss bħala Senior Technical Officer ġewwa d-Dipartiment tal-Artijiet.

**Żwieġ u Ulied**
Kienet proprja il-festa ta' San Anard ta' Ħal Kirkop eżattament fit-22 ta' Awwissu tas-sena 1999 li Noel iltaqa' ma' dik li t-taljani jsejħu '*L' anima gemella'* li kellha tkun martu jew kif jgħidu l-Ingliżi "*his better half*". Din kienet tfajla żurriqija bl-isem ta' Maryrose, xebba Agius li serqitlu qalbu u tellagħtu fuq l-artal f'għeluq żmien Noel fit-18 ta' Ottubru 2002. Noel qalli li Maryrose hija dik il-persuna l-aktar impotanti fil-ħajja tiegħu. Hija l-fus tal-familja u apparti dak kollu li tagħmel għall-familja hija ta' sapport kbir għalih fejn tidħol il-festa u l-Każin. Kienet il-persuna li kulħadd jixtieq li jkollu ħdejh f' mumenti diffiċli bħal ma kienu fit-telfiet tal-ġenituri tiegħu. Hija dik il-persuna li tieħu ħsieb kollox u kollox *up to date* (nista' nikonfermah

jien għax taħdem miegħi). Jekk ma tkunx hi Noel qal ma jafx x' jagħmel. Minn dan iż-żwieġ Noel għandu żewġ subien simpatiċi u ħelwin li huma il-mimmi ta' għajnejhom. Dawn huma Karl li llum għandu 8 snin u Loran (jista' jonqos!) li llum għandu 6 snin.

**Sehem fil-Kumitati**

Noel għamel ħafna snin fil-kumitat tal-festa u okkupa diversi karigi. Wara t-twaqqif ta' banda ġdida fil-Birgu bl-isem ta' 10 ta' Awwissu, Noel ġie maħtur segretarju fil-perjodu qasir u mqalleb ta' din is-soċjeta`. Meta din il-banda sfaxxat Noel reġa' ingħaqad għal perjodu taż-żmien kemm fil-kumitat tal-festa u anke fil-kumitat tal-każin.

Għalkemm ma kienx fil-kumitat tal-festa Noel il-ħin kollu jeħwden kif se jġib il-fondi għall-festa tant li għal numru ta' żmien kien jagħmel lotterija fix-xahar li kienet tħalli ammont sostanzjali, kien anke jirranġa sabiex jagħmel souvenirs u tokens tal-festa kif ukoll anke sa din is-sena għadu jieħu ħsieb il-kalendarju tal-festa li joħroġ kull sena flimkien miegħi u Christian Raggio. Ta' kull sena jirsisti biex ikollna ritratti mil-isbaħ li anke permezz tar-reklami jħalli wkoll fondi neċessarji għall-festa. Noel sa din is-sena stess ħa ħsieb ukoll dak kollu konness mal-baned mistiedna fil-festa ta' San Lawrenz fejn jidħlu free drinks, partituri u permessi.

**Għajnuna u Kapaċita`**

Minħabba l-kapaċita` li juża l-kompjuter speċjalment is-sistema tal-*photoshop,* hu kemm-il darba jgħin lil Fr. John Avellino sabiex il-programm tal-festa jkollu l-aħjar preżentazzjoni speċjalment fl-għażla tar-ritratti. Noel stess qalli li ma tkunx id-dedikazzjoni ta' Fr. John il-programm tal-festa ma jkunx daqshekk professjonali u joħroġ fil-ħin. Fil-fatt huwa jieħu ħsieb jiġri wara l-materjal u reklami u jgħaddih lil-Fr. John. Noel hu wkoll organizzatur tajjeb ħafna kemm b'mod volontarju u anke meta jitqabbad minn kumpanija privata. Għandu d-don u t-teknika li kapaċi jikkontrolla massa ta' persuni f'daqqa u l-karatteristika tiegħu hi li mhux jieqaf quddiem il-problema iżda jfittex u jsib is-soluzzjoni.

**Ġimgħa l-Kbira**

Noel bħali hu dilettant kbir tal-Ġimgħa l-Kbira, fejn għall-ħafna snin flimkien ma' Noel Castillo kien jippubblika direttorju tal-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira li kienu jsiru f'pajjiżna. Tista' tgħid li ftit kienu dawk is-snin li ma ħax sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fejn għall-perjodu ta' disa' snin refa' fil-vara l-kbira. Għandu wkoll għal qalbu ħafna l-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira speċjalment il-Wirja Getsemani li kienet tiġi organizzata fil-Każin tal-Banda San Lawrenz u li s-sena li għaddiet 2016 ma ntrematx minħabba diversi raġunijiet. Kienet bl-inizjattiva tiegħu u ta' sieħbu Simon Farrugia li din is-sena l-wirja reġgħet saret għalkemm b'mod differenti fuq skala ridotta. Iva kien sodisfazzjon kbir għal Noel li din is-sena ttellgħet parti mil-wirja Getsemani fis-sular t' isfel tal-każin u saret ukoll ix-xena tal-flaġellazzjoni fl-intrata majestuża tal-Każin. La semma' l-wirjiet dħakna waħda meta ftakarna li f'Ħamis ix-Xirka konna nixtru salib tal-fjuri minn fejn iċ-ċimiterju tal-Addolorata, norbtuh mal-bonnet tal-karozza, il-marċi funebri *full-on* u nduru l-wirjiet li dak iż-żmien kienu jgħoddu għall-ħafna inqas mil-lum, u fl-aħħar nispiċċaw għand il-primu għal dik it-tużżana ravjul. Kemm kien żmien sabiħ!

**Każin tal-Banda**

Wara l-mewt tal-maħbub missieru Twanny, Noel ġie avviċinat mill-President li kważi b'mod naturali jieħu post missieru fil-kariga prestiġġjuża ta' Viċi-President. Ma kinitx deċiżjoni faċli għalih pero` fl-aħħar iddeċieda u laqa' din l-istedina. Din il-kariga reġgħet xegħlet f'Noel dak l-entużjażmu u l-ħeġġa li huma tant sinonimi miegħu. Hekk anke bil-koperazzjoni u s-sapport tal-membri l-oħra tal-kumitat li qed jaħdmu id f'id f'armonija u diġa` qed jinħass ċertu pass iktar veloċi ta' ċertu proġetti li ilhom biex isiru. Kif qalli, sab u qed isib sapport kbir min-naħa tal-President is-Sur Lawrence V. Farrugia fejn ir-rabta li nbniet bejn Noel u Lorry illum il-ġurnata hija kbira ħafna. Peress li Lorry din is-sena kien impenjat fuq affarijiet personali Noel daħal bir-ras għax-xogħol fejn flimkien mal-kaxxier Adrian Saliba saru ħafna proġetti fejn fost dawn semma' t-tisbiħ tas-sala tal-kunċerti, ż-żebgħa tal-aperturi tas-sular ta' fuq u proġetti oħrajn.



**Ħsibijiet għall-futur**

Waħda mill-iktar xewqat li kellu kienet li terġa' ssir il-wirja Getsemani u din vera kif diġa` semmejt fuq skala ridotta flimkien ma' sħabu reġgħet saret. Daħal għall-*commitment* li jagħmel ġabra ta' €5 fix-xahar mingħand grupp ta' membri li jieħu l-opportunita` biex jirringrazzjahom u b'dawn il-fondi jagħmel bnadar ġodda. Jekk insemmilkom kemm għandu proġetti jiġru fil-garigori ta' moħħu tibqgħu mbellħin. Tipika ta' Noel din, pero` persważ li jasal. Tkellimna wkoll fuq il-planċier li din is-sena kif qalli kien biċċa uġigħ ta' ras, peress li ħafna mill-membri tal-Kumitat m'għadhomx żgħar u dan jirrikjedi ħafna xogħol ta' tqandil u ħemm it- toqol u piż, pero` kif qalli grazzi għal kulħadd sar u żżarma matul il-lejl. Din kienet idea oħra tiegħu u jekk Alla jrid din is-sena ser jinżebgħu l-istaneg tal-qafas tal-istess planċier.

Kif qalli Noel fl-2008 kien diġa` jifforma parti mil-Kumitat tas-Soċjeta` pero` kien ukoll membru fil-Kumitat tal-Festa wkoll. Kif qal tajjeb huwa irrimarka li bil-kwantita` enormi ta' xogħol li jirrikjedu ż-żewġ Kumitati trid tkun taħdem *full time* u bl-*overtime* biex tlaħħaq max-xogħol. U billi Noel m'huwiex persuna li joqgħod bil-qiegħda u jsaħħan is-siġġu, dak il-perjodu ħass li kellu jirriżenja mill-kumitat tal-każin u baqa' f'tal-festa biss. Dak iż-żmien Noel semma' li l-kumitat tal-festa kien impenjat b'għexieren ta' kuntratti fis-sena ta' palkijiet, arbli fir-*roundabouts* eċċ u dan kien diġa` ż-żejjed aħseb u ara meta jasal l-armar tal-festa wkoll. Pero` llum Noel huwa biss membru fil-kumitat tal-każin u qiegħed għal qalbu ħafna, diġa` qiegħed iħares lejn sena oħra ta' xogħol u proġetti fil-każin aktar u aktar fejn is-sena d-dieħla il-banda tagħlaq 135 sena.

**Snin memorabbli**

Kif aċċennajt qabel, Noel minn ċkunitu dejjem kellu għal qalbu l-festa tal-patrun tagħna San Lawrenz. Meta staqsejtu biex isemmili xi festi li baqgħu f'moħħu huwa aċċenna għall-erba' snin differenti li baqgħu f'moħħu u m'huwiex ser jinsa qatt. F' ordni kronoloġika beda bis-sena 1990, is-sena tad-900 sena parroċċa. Dak iż-żmien Noel kien għadu l-iskola u kellu biss sbatax il-sena. Semmieli kemm kienu sbieħ dawk l-iskrizzjonijiet f'diversi postijiet prominenti ta' Beltna fejn kull Sibt u Ħadd kien imur bis-sellum fuq dahru jixgħel u jitfi xi erba' bnadi differenti, iż-żebgħa tal-knisja li min jaf kemm il-lejl qatta' fuq l-*iscuffolding* jiżbgħu fejn b'daħka qalli li dik is-sena kien sema l-eżerċizzji spiritwali ta' kulħadd. Semma' wkoll dawk il-baned kuljum li saru

mil-31 ta' Lulju sal-11 ta' Awwissu apparti festi oħrajn reliġjużi li dejjem kienu akkumpanjati b'xi banda. Insomma kif qal tajjeb Noel jaħseb li f'Malta żgur li ħadd u qatt m'hu ser jorganizza xi festa oħra b'daqshekk pompa kif saret il-Birgu fil-festa tal-1990. Sena oħra li aċċenna għaliha kienet dik tas sena ta' wara, jiġifieri tal-1991. Meta staqsejtu għaliex il-festa ta' dik is-sena baqgħet ġo moħħu qalli li personalment kienet l-iktar festa diffiċli għalih. Noel qalli li dak iż-żmien il-festa kellha żewġ pilastri kbar li kienet tistrieħ fuqhom. Dawn kienu Anton Gellel u Salvu Attard (il-hampi). Anton kien irriżenja mill-kumitat tal-festa fl-aħħar xhur tal-1990 filwaqt li Salvu kien għadu kif għadda mil-mewt ta' ibnu Lawrence għalhekk kien bil-viżtu ta' ibnu u ma kienx jinżel għall-armar. Dak iż-żmien kif qalli Noel kienu huwa, Swithun Duncan u Dominic Parascandalo li kienu nvoluti l-aktar fl-armar fil-kumitat. Meta wasal żmien l-armar, vera li ma kienx hemm il-kwantita` ta' armar li hemm illum pero` Noel qalli li kien jiġri sal-Knisja ta' Bormla peress li Salvu kien sagristan hemm u jispjegalu xi jrid jagħmel, jikteb fuq biċċa karta ħalli ma jinsiex u jerġa' jiġri sal-Birgu jiltaqa' ma' sħabu u jibdew jarmaw. Jiftakar li dak iż-żmien il-wires u l-ħbula tal-pavaljuni kienu jsiru bis-sellum tal-injam mhux bil-*highup* bħal ma' jsir illum u l-wire tal-azzar kien jinqala' u jerġa jeħel kull sena. Episodju li semmieli darba fost l-oħrajn jekk ma marx żball qalli li kien Marzu għaliex peress li ma kellhomx esperjenza trid tqis li Noel kien l-ikbar fl-eta` fost it-tlieta li huma u kellu biss sbatax-il sena u kienu bdew jarmaw kmieni dik is-sena. Qalli li kien qiegħed fuq is-sellum it-twil bl-extension miegħu qiegħed jarma l-faċċata tal-knisja u ġiet buffura riħ qawwija u qalgħet is-sellum 'il barra minn mal-pilastru tal-faċċata tal-knisja u b'miraklu is-sellum reġa' daħal bejn il-pilastri avolja kien hemm Dominic iżomm is-sellum. Noel qalli li missieru Twanny kien qiegħed jarah bil-moħbi minn xi mkien u l-għada qallu "*ibni ġbartlek għall-crane u l-faċċata tal-knisja li għad fadal armaha bih*'' u hawn Noel ġieh is-suspett u qalli li x'aktarx il-crane kien ħallsu missieru u ma kien ġabar xejn għaliex Twanny kien jinkwieta ħafna jara lil ibnu jixxabbat f'dak l-għoli.

Festi oħrajn li semmieli kienu dawk il-festi tal-1997 meta ġiet fostna r-relikwija tar-ras ta' San Lawrenz u dik tal-2006 meta sploda l-barkun bin-nar. Fejn f'din tal-aħħar jiftakar li ftit wara l-festa Noel kien qiegħed jieħu flixkun birra ma' missieru u qallu "x'festa diżastru kellna pa! Xita, splużjoni tal-barkun eċċ", u r-risposta ta' Twanny kienet "*Weġġa' xi ħadd ibni*?". Noel wieġbu li le, qabeż missieru u qallu "*mela morna tajjeb ibni"*. Din kienet il-pożittivita` tipika ta' Twanny.

**Għeluq**

Kif tistgħu tindunaw ma' Noel stajt nibqa' nkellmu u kont nimla n-newsletter sħiħa pero` l-ispazju hu dak li hu. Fi ftit kliem u b'sinċerita` lil Noel niddeskrivih bħala raġel ta' qalb tajba u ġeneruża, pero` anke sforz l-imħabba l-kbira li għandu lejn dak li hu palmiż ġieli li għal ftit ħin titlagħlu xi ftit it-temperatura pero` wara qisu qatt ma kien xejn. Noel hu wkoll sensittiv u jħoss li meta hu jew xi ħaddieħor jaħdem bil-qalb u volontarjament ma jiġix apprezzat anzi xi drabi jiħduha kontrihom. Fuq dan ġieli fetaħ qalbu miegħi u tkellimna fit-tul. Hu jinkedd ukoll meta jara u jisma nies passivi li b' idejhom fuq żaqqhom tajbin biss biex jikkritikaw u ma jbillux subgħajhom.

Kelma waħda biex nagħlaq. Kellu bżonn kull raħal, belt, Soċjeta` jew anke saħansitra pajjiż ikollu persuni bħal Noel jew kif qed jissejjaħ illum wara n-nuqqas ta' missieru "il-Gauc". Dan għaliex minkejja li bħal uman ieħor għandu d-difetti tiegħu pero` l-imħabba li hu għandu lejn il-familja u anke sforz it-time management tajjeb tiegħu l-impenn totali għal xogħol volontarju, issa b'risq il-każin għandu mhux biss li jitħares b'ammirazzjoni iżda għandu jkun xprun u mudell għall-oħrajn. Grazzi Noel, taqtax qalbek u nitfagħha a la ingliża… *keep it up.*

## ATTIVITA GĦAX-XHUR TA' SETTEMBRU - OTTUBRU 2017

| | |
|---|---|
| **Il-Ħadd 3 ta' Settembru** | Servizz tal-Banda Festa San Girgor Sliema |
| **Il-Ħamis 7 ta' Settembru** | **JUM IL-BIRGU** - Sehem fiċ-Ċeremonja ta' Tifkira |
| **Il-Ġimgħa 8 ta' Settembru** | **Festa Nazzjonali - Jum il-Vitorja .** |
| | Servizz tal-Banda Festa ta' Marija Bambina l-Isla |
| **It-Tnejn 11 ta' Settembru** | Fis-6.45pm Laqgħa tal-Kummissjoni Banda |
| **L-Erbgħa 13 ta' Settembru** | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kummissjoni Birgu Fest |
| **Il-Ħamis 14 ta' Settembru** | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali |
| **Il-Ġimgħa 15 ta' Settembru** | Pizza u Pasta Night f'Marsaxlokk |
| **Is-Sibt 16 ta' Settembru** | Fis-6.30pm Laqgħa Ġenerali Għaqda Każini tal-Banda |
| | Wara Riċeviment tas-70 Anniversarju tal-Għaqda |
| **Il-Ħamis 21 ta' Settembru** | **Festa Nazzjonali - Jum l-Indipendenza** |
| **Is-Sibt 23 ta' Settembru** | Ħlas tal-Bandisti |
| **Il-Ħadd 24 ta' Settembru** | Ħlas tal-Bandisti |
| **It-Tlieta 26 ta' Settembru** | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi |
| **Il-Ġimgħa 29 ta' Settembru** | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kummissjoni Manutenzjoni u Proġetti |
| **It-Tlieta 3 ta' Ottubru** | Fis-7.00pm Laqgħa Kummissjoni Birgu Fest |
| **It-Tlieta 10 ta' Ottubru** | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali |
| **Il-Ġimgħa 13 ta' Ottubru** | **BIRGU FEST** |
| **Is-Sibt 14 ta' Ottubru** | **BIRGU FEST** |
| **It-Tnejn 16 ta' Ottubru** | Fis-6.30pm Kunċert tal-Banda |
| **L-Erbgħa 18 ta' Ottubru** | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kummissjoni Birgu Fest - Rendikont |
| **Il-Ħamis 19 ta' Ottubru** | Fis-7.00pm Laqgħa tal-Kummissjoni Plancier |
| **Is-Sibt 21 ta' Ottubru** | Fis-1.30pm Kunċert tal-Banda |
| **It-Tlieta 24 ta' Ottubru** | Fis-6.30pm Kunċert tal-Banda |
| **L-Erbgħa 25 ta' Ottubru** | Fis-6.30pm Kunċert tal-Banda |
| **Il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru** | Fis-6.30pm Kunċert Ġenerali tal-Banda |
| **Is-Sibt 28 ta' Ottubru** | Fis-7.30pm Programm Mużikali '30 Sena President' fis-Sala Parrokjali |

hsbc.com.mt

2380 2380

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444



MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

**Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar**

*56, La Vallette Street, Vittoriosa*

*Tel: 2180 7535*











Is-self personali kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Il-benefiċċju ta' assigurazzjoni b'xejn fuq il-ħajja huwa ta' massimu ta' €25,000 għal kull faċilità, sal-età ta' 69 sena jew sakemm titħallas il-faċilità skont x'jagħlaq l-ewwel. Japplikaw xi termini u kundizzjonijiet.

BOV

Bank of Valletta

BOV PERSONAL LOANS

2131 2020 | bov.com

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c.,
58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

# Breakaway Travel

***Blacktown***

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

**Tel:** 02 9622 7799
**Fax:** 02 9671 6706
**Mobile:** 0408 079 246
**Email:** gvella@breakawaytravel.com.au

*Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta*